VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,503, 20 ta' Novembru, 2015
Taqsima B

A.L. 370 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju *full-time* u sitt xhur oħra għal *practicum* kliniku sorveljat."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (4) u (5) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) L-istudenti għandhom iżommu livell tajjeb fit-taqsimiet studju li jinvolvu *practicum* kliniku sorveljat li għalih il-marka minima għandha tkun grad C – 55%.

(5) L-istudenti li ma jgħaddux fil-*practicum* kliniku sorveljat m'għandhomx ikollhom id-dritt għal valutazzjoni supplimentari fl-istess sena akkademika iżda jkunu meħtieġa li jerġgħu jagħmlu il-*practicum* kliniku sorveljat matul sena ta' studji addizzjonali. Din is-sena addizzjonali ma tingħaddx għall-iskop tat-tul tal-Kors."